**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu 2017**

**Talba Nru: 187/16 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**John & Joseph Curmi Limited (C 11359)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-18 ta' Mejju 2016 li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' elf sitt mija u sitta u sebghin Euro u hamsa u disghin centezmu (€1,676.95), in kwantu ghal mitejn u tlieta u hamsin Euro u hmistax-il centezmu (€253.15) in konnessjoni ma' servizzi fuq 21430250,

liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 10178272, elf mija u tnejn u sebghin Euro u seba' centezmi (€1,172.07) in konnessjoni ma' servizzi fuq 79430250, liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40353415, u mitejn u wiehed u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€251.73) in konnessjoni ma' servizzi fuq 21417147, liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 10177601.

Illi s-servizzi fuq 79430250 gew ikkuntratta ma-socjeta' Mobisle Communications Ltd., liema socjeta' giet, b'effett mid-19 ta' Dicemmbru 2015, amalgamata fis-socjeta' GO plc.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, is-socjeta' konvenuta baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta' konvenuta, li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' Charmaine Psaila Raji, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta' konvenuta.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' elf sitt mija u sitta u sebghin Euro u hamsa u disghin centezmu (€1,676.95), in kwantu ghal mitejn u tlieta u hamsin Euro u hmistax-il centezmu (€253.15) in konnessjoni ma' servizzi fuq 21430250, liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 10178272, elf mija u tnejn u sebghin Euro u seba' centezmi (€1,172.07) in konnessjoni ma' servizzi fuq 79430250, liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40353415, u mitejn u wiehed u hamsin Euro u tlieta u sebghin centezmu (€251.73) in konnessjoni ma' servizzi fuq 21417147, liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 10177601.

2. Illi x-xhud Charmaine Psaila Raji ghas-socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-ammont in kwestjoni ma jinkludix l-imghax u l-ispejjez.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:
>
> (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata u la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fl-14 ta' Marzu 2017.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa dovut mis-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf sitt mija u sitta u sebghin Euro u hamsa u disghin centezmu (€1,676.95), bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur